# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-18 ta' Marzu 2024**

**Talba nru. 241/2020 IS**

**MALTA SCHOOL OF FLYING COMPANY LIMITED (C 33760)**

*VERSUS*

**LOREDANA FALZON (I.D. 521784 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2020 (a fol. 1 u 2), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ erbat elef u ħames Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 4,005.58) rappreżentanti tliet mija u erbgħin Ewro u tliet ċenteżmi tal-Ewro (Eur 340.03) ħlas tan-*notice period* li bħala impjegata tas-soċjeta' attriċi il-konvenuta naqset li taħdem u dan huwa l-perjodu ta' ġimgħatejn wara li ddeċidiet li tabbanduna l-post tax-xogħol u l-ammont ta' tliet elef u sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,665.55) bilanċ rimanenti li l-konvenuta baqalha tivversa lis-soċjeta' attriċi fir-rigward tat-tagħlim u taħriġ fl-avjazzjoni li hija rċeviet mis-soċjeta' attriċi.

Ra illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata fit-13 ta' Novembru 2020 (a fol. 6).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fl-1 ta' Diċembru 2020 (a fol. 7).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ukoll kontro-talba fl-1 ta' Diċembru (a fol. 8).

Ra illi s-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ippreżentat ir-risposta tagħha fir-rigward tal-kontro-talba fil-15 ta' Diċembru 2020 (a fol. 12).

Ra illi saru diversi seduti u xehdu diversi persuni.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x′kienet ir-relazzjoni bejn is-soċjeta′ attriċi u l-konvenuta b′dan illi jidher ċar illi l-konvenuta kienet ħadet xi korsijiet tal-avjazzjoni mis-soċjeta′ attriċi u anke kienet ħadem għal xi perjodu mas-soċjeta′ attriċi.

Bdan illi pero′ il-punti ta′ diżgwit bejn il-partijiet huma varji, hekk kif ser ikun diskuss hawn taħt.

<u>Il-kors tal-avjazzjoni u l-ammont dovut lis-soċjeta′ attriċi mill-konvenuta</u>

Is-soċjeta′ attriċi ippreżentat *statement* illi juri ċar dak illi ħallset il-konvenuta mis-sena 2018 sas-sena 2019, u anke dak li għadu dovut mill-konvenuta lis-soċjeta′ attriċi u liema kopja tal-i*statement* jinsab a fol. 33 sa 41. Is-soċjeta′ attriċi ukoll ipprovdit l-irċevuti illi tat lill-konvenuta a bażi tal-pagamenti illi l-konvenuta għamlet lis-soċjeta′ attriċi, u liema irċevuti jinsabu a fol. 69 sa 73. Skond l-msemmija irċevuti, l-ammont illi ħallset il-konvenuta lis-soċjeta′ attriċi hu ta′ tmintax-il elf u disgħin Ewro (Eur 18,090) u s-soċjeta′ attriċi tat ukoll lill-konvenuta fi *credit adjustments* fl-ammont ta′ mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u għaxar ċenteżmi tal-Ewro (Eu 252.10) b′dan illi fil-fatt it-total illi l-konvenuta ivversat a favur is-soċjeta′ attriċi hu ta′ tmintax-il elf u tliet mija u tnejn u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżmi tal-Ewro (Eur 18,342.10). Is-soċjeta′ attriċi reġgħet ippreżentat kopja tal-irċevuti, minbarra waħda fl-ammont ta′ elf u erba′ mija u ħamsin Ewro (Eur 1450), u liema jinsabu a fol. 118 sa 121. B′dan illi s-soċjeta′ attriċi ippruvat l-ammont illi l-konvenuta ivversat lis-soċjeta′ attriċi mingħajr ma ħalliet ebda dubju. Ukoll, is-soċjeta′ attriċi ippreżentat diversi korrispondenzi ta′ *emails* bejn is-soċjeta′ attriċi u l-konvenuta, u liema kopja tinsab a fol. 103 sa 117, fejn juru illi l-konvenuta kienet għadha dovuta xi ammonti lis-soċjeta′ attriċi.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta xehdet fit-28 ta′ Ottubru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 122, illi "....*U kont naghmel cash payments u bank transfers. Issa jiena meta kont naghmel cash payments dejjem kien ikolli rcevuta, li qeghdin hawnhekk. U kull meta kont naghmel bank transfer l-ircevuti ma kienux dan, qatt ma kkomplejnajt*." F′dan ir-rigward, il-konvenuta ippreżentat biss *statement* miktub minnha, u li jinsab a fol. 131 u 132 u ma ppreżentat ebda kopja tat-trasferimenti tal-bank sabiex turi illi verament kienet ivversat tali ammonti lis-soċjeta′ attriċi. Dan it-Tribunal jifhem illi hu prinċipju assodit fil-Liġi tagħna, u ċioe′ skond l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta′ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta′ Malta, illi "*Bla ħsara ta′ kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta′ fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Il-Qrati tagħna wkoll iddiskutew b′mod ampju tali prinċipju, fosthom fis-sentenza ***Anna mart Joseph Dingli v. Brian Abela u Arthur Ebejer***.[1] F′dan il-każ, il-konvenuta setgħet faċilment tipprova illi vversat iktar ammonti lis-soċjeta′ attriċi ġjaldarba hi allegak, skond l-i*statement* tagħha, illi tali pagamenti saru bi bank transfer, iżda naqset milli tagħmel dan.

---

[1] 3 ta′ Diċembru 2004, Qorti tal-Appell, Ref.: 1231/1994/1

Ukoll, il-konvenuta ippruvat tittenta tgħid illi s-soċjeta' attriċi ma setgħet qatt ħarġet irċevuti qabel sar il-pagament mill-konvenuta, u dan b'referenza għall-irċevuta tat-tnax-il elf u ħames mitt Ewro (Eur 12,500.00) illi ħarġet is-soċjeta' attriċi, u liema kopja tal-irċevuta tinsab a fol. 71. Il-konvenuta ittentat tallega illi l-konvenuta ħallset l-ammont kollu fl-14 ta' Marzu 2019 fejn ħamest elef (Eur 5,000.00) kienu bi bank transfer u d-differenza *cash*. Pero', it-Tribunal ma jistax jifhem dan l-argument għal tliet raġunijiet. L-ewwelnett, dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif persuna tivversa sebat elef u ħames mitt Ewro *cash* (Eur 7,500) meta wieħed iqis ir-regoli illi huma in forza sabiex jitnaqqas l-abbuż u l-kriminalita' tal-finanzi. It-tieni nett, jidher ċar illi s-soċjeta' attriċi immarkat biss il-kelma *bank transfer* u li kieku kien hemm *cash* involut, żgur illi l-partijiet kienu jaqblu sabiex tkun anke immarkata l-kaxxa li taqra *cash*. It-tielet punt hu illi l-irċevuti illi juru *bank transfer*, u liema huma ippreżentati fil-proċess, juru illi tali ammonti jkunu magħduda flimkien dawk illi saru bi bank transfer u ma toħroġx irċevuta għal kull bank transfer fih innifsu. Inoltre', ma hux kontestat illi l-konvenuta kellha bżonn illi tapplika għall-iskema Get Qualified sabiex tieħu ċerti rebates, u dan skond, fost oħrajn, korrispondenza b'email bejn is-soċjeta attriċi u l-konvenuta, u liema kopja tinsab a fol. 103.

Ukoll, huwa punt mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuta kienet taħdem mas-soċjeta' attriċi fid-dipartiment tal-finanzi, preċiżament bħala *Senior Accounts and Administration officer*, skond il-kuntratt tal-impjieg bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta, u liema kuntratt ser ikun diskuss iktar fid-dettal hawn taħt, b'dan illi li kieku kien hemm xi problemi b'xi irċevuti u *bank transfers*, żgur illi kienet titkellem qabel.

**B'dan illi għaldaqstant, it-Tribunal hu konvint, fuq bażi ta' probabbilita' illi dak li hu allegat mis-soċjeta' attriċi, u ċioe', illi l-konvenuta għad baqagħlha tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tliet elef u sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,665.55) huwa minnu.**

<u>L-ammont dovut mill-konvenuta lis-soċjeta' attriċi għan-*notice period*</u>

Is-soċjeta' attriċi allegat illi l-konvenuta hija dovuta lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tliet mija u erbgħin Ewro u tliet ċenteżmi tal-Ewro (Eur 340.03) ħlas tal-perjodu tan-*notice* li bħala impjegata tas-soċjeta' attriċi, il-konvenuta naqset li taħdem, u limea perjodu hu ta' ġimgħatejn, wara li ddeċidiet li tabbanduna l-post tax-xogħol.

Il-konvenuta, fir-risposta tagħha, u li tinsab a fol. 7, stqarret li ma hix ser tikkontesta li tħallas nofs il-paga sabiex ikopri il-perjodu tan-*notice.*

F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal innota illi s-soċjeta' attriċi ippreżentat kopja tal-kuntratt tal-impjiet illi kienet iffirmat mal-konvenuta, u li huwa datat 24 ta' Ġunju 2019, u li jinsab a fol. 52 sa 56. Skond dan l-imsemmi kuntratt, il-konvenuta kienet impjegata fuq bażi *full-time* b'sigħat ridotti għal perjodu indefinit, u wara l-perjodu tal-*probation*, kienet ser titħallas l-ammont ta' tmintax-il elf u ħames mitt Ewro (Eur 18,500.00) *gross* fis-sena. Jidher ukoll illi tali kuntratt ma jagħmel ebda referenza għal kif għandu jkun regolat it-temm tal-impjieg, b'dan illi Artikolu 36 (5) tal-Impjiegi u

r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452, tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jkun għalhekk applikabbli. Fix-xhieda tagħha datata 28 ta' Ottubru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 124 u 125, il-konvenuta qalet illi "....*Biex bil-Malti ma npaxxihiex qbadt u tlaqt minn l-office. Lanqas ghedtilha xejn. Qbadt u tlaqt.....U ma ergajtx mort lura u ma ergajtx xejn.*" Jidher illi l-konvenuta telqet mill-post tax-xogħol fid-29 ta' Jannar 2020, u dan skond id-dokument maħruġ mill-JobsPlus, li parti mid-dokument tinsab a fol. 45. Il-konvenuta, skond l-Artikolu 36 (5), hekk kif is-soċjeta' attriċi irrimarkat, kienet obbligata illi taħdem ġimgħatejn perjodu ta' *notice.* F'każ illi ma jsirx hekk, allura Artikolu 36 (10) tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452, tal-Liġijiet ta' Malta, għandu japplika, u illi jipprovdi illi "*Jekk impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jonqos li jagħti avviż kif jingħad hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lill-prinċipal somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż. Jekk il-prinċipal jonqos li jagħti avviż kif imsemmi hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lil dak l-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwariż-żmien tal-avviż.*"

F'dan il-każ, ġjaldarba hu ċar illi l-paga annwali hi ta' tmintax-il elf u ħames mitt Ewro (Eur 18,500.00), kull xahar, bejn wieħed u ieħor, il-paga kienet ta' elf u ħames mitt Ewro u wieħed u erbgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,541.67) b'dan illi ġimgħatejn paga tammonta għal seba' mija u sebgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 770.84) b'dan illi nofs il-paga ta' ġimgħatejn tammonta għal tliet mija u ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 385.42).

**B'dan illi l-ammont hekk kif maħdum mis-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' tliet mija u erbgħin Ewro u tliet ċenteżmi tal-Ewro (Eur 340.03) huwa ġust u huwa dovut mill-konvenuta lis-soċjeta' attriċi għar-raġunijiet premessi hawn fuq.**

<u>It-talbiet rikonvenzjonanti</u>
<u>Ħlasijiet żejda mil-konvenuta lis-soċjeta' attriċi fir-rigward tal-kors fl-avjazzjoni</u>

Għar-raġunijiet hawn fuq premessi, tali talbiet qed jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

<u>Il-prezz tas-*simulator*</u>

Skond il-kontro-talba tal-konvenuta, is-simulator kellu jkun addebitat bir-rata ta' mija u ħamsa u disgħin Ewro (Eur 195) fis-siegħa u mhux bir-rata ta' mitejn u għaxar Ewro (Eur 210) fis-siegħa. B'dan illi pero', skond il-kopja ta' korrispondenza b'*emails*, u li tinsab a fol. 76, il-konvenuta talbet illi tkun applikabbli r-rata ta' mija u disgħin Ewro (Eur 190) fis-siegħa u ċioe' rata differenti mill-kontro-talba tagħha.

Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' attriċi, minn dejjem kienet konsistenti fir-rata tagħha, u dan skond kif jidher mill-imsemmija *email*.

Inoltre', skond il-kundizzjonijiet ipprovduti mis-soċjeta' attriċi fir-rigward ta' tali ħlasijiet, u liema kopja tinsab a fol. 138 sa 141, juru illi tali *simulators* kienu ser ikunu bil-prezz ta' mitejn u għaxar Ewro (Eur 210) (a fol. 137) fis-siegħa u huma biss dawk l-addizzjonali li kienu ser ikunu bir-rata ta'

mija u ħamsa u disgħin Ewro (Eur 195) fis-siegħa (a fol. 140), u dan kif ukoll is-soċjeta' attriċi fehmet lill-konvenuta skond il-kopja ta' korrispondenza b'*emails*, u li tinsab a fol. 76.

**B'dan illi għaldaqstant, tali talba rikonvenzjonali qed tiġi miċħuda fl-intier tagħha.**

<u>Arretrati ta' paga u ħlas pro rata ta' *bonus* u *leave*</u>

Skond il-kontro-talba tal-konvenuta, il-konvenuta għandha tieħu arretrati ta' paga u ħlas *pro rata* ta' *bonus* u *leave* fl-ammont ta' ħames mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 563.88) mis-soċjeta' attriċi.

It-Tribunal jinnota li skond il-kuntratt tal-impjieg bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta, u liema kopja tal-kuntratt tinsab a fol. 52 sa 56, jipprovdi illi "*Each work period is from the 16th day of the month to the 15th day of the following month. Payment for each period is carried out at the end of the month for such period*." Biss pero', skond il-*payslips* li jinsabu a fol. 63 sa 66, u iktar *payslips* ipprovduti mill-konvenuta li jinsab a fol. 143 sa 149, jidher illi s-soċjeta' attriċi kienet qed tħallas lill-impjegati tagħha mill-bidu tax-xahar sal-aħħar tax-xahar u mhux mis-16 tax-xahar ta' qabel sal-15 tax-xahar ta' wara. Il-konvenuta ittentat tixhed fit 28 ta' Ottubru 2021, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 125, illi "*Barra minn hekk nixtieq nghid illi jiena tlaqt fid-29 ta' Jannar, Issa l-paga skont il-kuntratt li ghandi jekk jidhirli li fil-paragrafu 6 kien jghid illi kiena nithallas minn 16th of the month sal-15th of the month. Jigifieri jiena mis-16 ta' Jannar sa 29 ta' Jannar li suppost thallast ghalih fi Frar qatt ma wasal*." Dan it-Tribunal hu tal-fehma li kieku skond il-konvenuta il-*payslips* mogħtija lilha kull xahar kienu ħżiena, kienet tieħu l-interess u tara li jkunu hekk irranġati, iktar u iktar meta tqis illi l-konvenuta kienet taħdem fid-dipartiment tal-finanzi tas-soċjeta' attriċi.

It-Tribunal ħares lejn il-*workings* ippreżentati mill-konvenuta waqt ix-xhieda tagħha datata 28 ta' Ottubru 2021, u liema *workings* jinsabu a fol. 133 sa 136, għaliex hemm indikat ta' kif il-konvenuta ħadmet l-ammont li skond hi huwa dovut lilha ta' ħames mija u tlieta u sittin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 563.88) mis-soċjeta' attriċi.

Fir-rigward ta' punt numru 1, dan it-Tribunal ma kellu ebda *payslip* ippreżentata li seta' jara jew jifhem illi tkopri Ġunju 2019 b'dan illi tali ammont ma jistax jitqies dovut mis-soċjeta' attriċi.

Fir-rigward ta' punt numru 2, it-Tribunal jinnota illi l-*bonus* ta' Diċembru 2019 kellu jkun ta' Eur 135.10 pero' skond il-*payslip* ta' Diċembru 2019, u li tinsab a fol. 148, il-konvenuta irċeviet biss Eur 68.49 b'dan illi għandha tirċievi l-**ammont ta' Eur 66.61** mis-soċjeta' attriċi.

Fir-rigward ta' punt numru 3, it-Tribunal jaqbel mal-konvenuta peress illi skond il-*payslip* ta' Jannar 2020, u li tinsab a fol. 149, hi ma rċevitux tali *bonus pro rata* b'dan illi allura s-soċjeta' attriċi hi dovuta lill-konvenuta l-**ammont ta' Eur 21.26**.

Fir-rigward ta' punt numru 4, il-konvenuta ħadmet l-ammont li kienet dovuta tal-*bonus* bis-sewwa b'dan illi jidher illi għad baqagħalha tieħu mis-soċjeta' attriċi l-**ammont ta' Eur 13.63** u dan peress

illi skond il-*payslip* ta' Settembru 2019, li tinsab a fol. 145, il-konvenuta tħallset inqas.

Fir-rigward ta' punt numru 5, il-konvenuta ħadmet l-ammont ġust peress illi minn Ottubru 2019 sa Jannar 2020, il-konvenuta kellha wkoll tirċievi *pro rata* parti mill-*bonus* ta' Marzu 2020, b'dan illi għaldaqstant is-soċjeta' attriċi hi dovuta lill-konvenuta is-**somma ta' Eur 83.88** u b'dan illi l-*payslip* ta' Jannar 2020, ma tagħmel ebda referenza għall-imsemmi *bonus*.

Fir-rigward ta' punt numru 6, it-Tribunal ma setax jivverifika tali informazzjoni peress illi ma ġewx ippreżentati t-*time sheets* kollha u l-konvenuta, għalkemm setgħet tistaqsi għalihom fil-provi tagħħha, naqset milli tagħmel dan, b'dan illi dan it-Tribunal ser jiskarta tali ammont bħala dovut.

Fir-rigward ta' punt numru 7, dan it-Tribunal ħares lejn it-*time sheets* hawn fuq imsemmija, u ma jidher imkien li l-konvenuta kienet *sick*, b'dan illi pero', il-konvenuta kellha kull opportunita' sabiex tressaq provi adegwati u tagħmel eżamijiet u kontro-eżamijit lill-kontro-parti fir-rigward tal-imsemmi ammont u naqset milli tagħmel dan, b'dan illi it-Tribunal iddeċieda illi tali ammont ser jiġi skartat bħala wieħed illi huwa dovut.

Fir-rigward tal-punt numru 8, it-Tribunal innota illi hemm dati li ma setgħux jiġu vverifikati għax it-*time sheets* ma kienux ippreżentati jew inkella jidhru ħinijiet miktubin bil-linka u li s-soċjeta' attriċi saħqet illi dan m'għandux iseħħ diversi drabi, u anke bagħtet *emails* lill-impjegati tagħha f'dan ir-rigward, u liema *emails* ġew ippreżentati, b'dan illi tali ħinijiet tax-xogħol ser jiġu hekk skartati b'mod illi dan it-Tribunal iżomm ma' dawk l-ammonti maħduma mis-soċjeta' attriċi. It-Tribunal jirrimarka illi il-konvenuta kellha kull opportunita' sabiex tressaq provi adegwati u tagħmel eżamijiet u kontro-eżamijit lill-kontro-parti fir-rigward tal-imsemmi ammont u naqset milli tagħmel dan

**B'dan illi fir-rigward ta' paga u *bonus* hekk mhux imħallsa, is-soċjeta' attriċi hi dovuta lill-konvenuta is-somma ta' mija u ħamsa u tmenin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 185.38).**

Fil-*workings* maħduma mill-konvenuta, jidher illi hemm iktar ammonti illi l-konvenuta qalet illi mhux qed taqbel ma' dawk ippreżentat mis-soċjeta' attriċi, u liema parti mill-*workings* tinsab a fol. 134, iżda naqset milli titlob tali ammonti fil-kontro-talba tagħha, b'dan illi tali Tribunal ser jiskarta tali ammonti bħala dovuti mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuta.

<u>Tpaċija</u>

Ġjaladarba is-soċjeta attriċi u l-konvenuta huma debituri ta' xulxin, għandu jkun hemm tpaċija u dan skond l-Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'dan illi għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi hi dovuta l-ammont ta' Eur 3,665.55 u Eur 340.03, hekk kif spjegat iktar 'il fuq, bit-total ta' Eur Eur 4,005.58 mill-konvenuta filwaqt illi l-konvenuta hi dovuta l-ammont ta' Eur 185.38 mis-soċjeta' attriċi b'dan illi s-soċjeta' attriċi għad baqagħlha tirċievi mill-konvenuta l-**ammont ta' Eur 3,820.20.**

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta' erbat elef u ħames Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 4,005.58) rappreżentanti tliet mija u erbgħin Ewro u tliet ċenteżmi tal-Ewro (Eur 340.03) ħlas tan-*notice period* li bħala impjegata tas-soċjeta' attriċi il-konvenuta naqset li taħdem u dan huwa l-perjodu ta' ġimgħatejn wara li ddeċidiet li tabbanduna l-post tax-xogħol u l-ammont ta' tliet elef u sitt mija u ħamsa u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,665.55) bilanċ rimanenti li l-konvenuta baqalha tivversa lis-soċjeta' attriċi fir-rigward tat-tagħlim u taħriġ fl-avjazzjoni li hija rċeviet mis-soċjeta' attriċi.

Tilqa' limitament it-talba rikonvenzjonali għall-ammont ta' mija u ħamsa u tmenin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 185.38), hekk skond kif spjegat iktar 'il fuq.

Tordna illi l-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tliet elef u tmien mija u għoxrin Ewro u għoxrin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3,820.20) b'dan illi għandhom ikunu applikabbli l-Artikoli illi jiregolaw it-tpaċija skond il-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma terz a kariku tas-soċjeta' attriċi u żewġ terzi a kariku tal-konveuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur